MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 850/2005

**APS Bank Limited (C 2192)**

**Vs**

**Steven John Bellia (Karta ta' Identita numru 555182M) u Karen Bellia (Karta ta' Identita numru 10105A)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-bank attur talab il-hlas tas-somma ta' hames mija w erbgha u tmenin lira Maltin u disa' centezmi (Lm584.09c) dovuti kwantu ghal hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm525.79c) bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 12264230018, kif ukoll kwantu ghal tmienja u hamsin lira Maltin u tletin centezmu (Lm58.30c)

bilanc ta’ debitu ta’ *Interest Disposal Account* numru 20000098399.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-bank attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-bank attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ hames mija w erbgha u tmenin lira Maltin u disa’ centezmi (Lm584.09c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------